28.4.2015

B8-0363/2015 }
B8-0364/2015 }
B8-0365/2015 }
B8-0366/2015 }
B8-0368/2015 }
B8-0372/2015 }
B8-0376/2015 } RC1/Em. 3

**Emenda 3**

**Anne-Marie Mineur, Helmut Scholz, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Patrick Le Hyaric, Stefan Eck, Paloma López Bermejo, Malin Björk, Eleonora Forenza, Luke Ming Flanagan, Kostas Chrysogonos, Sofia Sakorafa, Lola Sánchez Caldentey**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
dwar it-tieni anniversarju tat-tiġrif tal-bini Rana Plaza u l-progress tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladexx

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 25. Jinnota li l-inizjattiva 'Kollox Barra l-Armi' (EBA) kellha rwol importanti għall-iżvilupp ekonomiku tal-Bangladexx u kkontribwiet għat-titjib tal-kundizzjonijiet materjali għal miljuni ta' nies, b'mod partikolari tan-nisa; huwa konvint, madankollu, li mingħajr kundizzjonalità soda fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, hemm is-sogru li l-EBA u l-SĠP jkomplu jgħarrqu l-istandards baxxi ta' protezzjoni tal-ħaddiema u jimminaw ix-xogħol deċenti; jitlob li l-Kummissjoni tiddetermina jekk il-Bangladexx huwiex qed jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, il-konvenzjonijiet tax-xogħol u ambjentali taħt l-SĠP, u tirrapporta lill-Parlament dwar dan; jenfasizza li pajjiżi li jagħmlu progress tajjeb fl-istandards soċjali u tax-xogħol għandhom jiġu ppremjati billi l-prodotti tagħhom ikomplu jgawdu aċċess | 25. Jinnota li l-inizjattiva 'Kollox Barra l-Armi' (EBA) kellha rwol importanti għall-iżvilupp ekonomiku tal-Bangladexx u kkontribwiet għat-titjib tal-kundizzjonijiet materjali għal miljuni ta' nies, b'mod partikolari tan-nisa; huwa konvint, madankollu, li mingħajr kundizzjonalità soda fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, hemm is-sogru li l-EBA u l-SĠP jkomplu jgħarrqu l-istandards baxxi ta' protezzjoni tal-ħaddiema u jimminaw ix-xogħol deċenti; jitlob li l-Kummissjoni tiddetermina jekk il-Bangladexx huwiex qed jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, il-konvenzjonijiet tax-xogħol u ambjentali taħt l-SĠP, u tirrapporta lill-Parlament dwar dan ***sa żmien it-tieni anniversarju tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà***; jenfasizza li pajjiżi li jagħmlu progress tajjeb fl-istandards soċjali u tax-xogħol għandhom |

| | |
|---|---|
| sħiħ għas-suq; | jiġu ppremjati billi l-prodotti tagħhom ikomplu jgawdu aċċess sħiħ għas-suq; |

Or. en

**Emenda 4**
**Anne-Marie Mineur, Helmut Scholz, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Patrick Le Hyaric, Stefan Eck, Paloma López Bermejo, Malin Björk, Eleonora Forenza, Luke Ming Flanagan, Kostas Chrysogonos, Sofia Sakorafa, Lola Sánchez Caldentey**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE, EFDD**
dwar it-tieni anniversarju tat-tiġrif tal-bini Rana Plaza u l-progress tal-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladexx

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jiddeplora l-fatt li Stati Membri vvutaw kontra r-riżoluzzjoni tal-UNHCR adottata fis-26 ta' Ġunju 2014, li tistabbilixxi grupp ta' ħidma intergovernattiv bil-mandat li jiżviluppa strument internazzjonali legalment vinkolanti li jirregola l-attivitajiet ta' korporazzjonijiet transnazzjonali, u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib man-NU biex dan il-għan jintlaħaq;*** |

Or. en